**Stqarrija għall-Media:**

**Ħmistax-il organizzazzjoni oħra jieħdu l-Marka tal-Ugwaljanza...Imnedija riċerka dwar ġenituri *teenagers***

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) iċċertifikat formalment 15-il organizzazzjoni oħra bil-Marka tal-Ugwaljanza waqt ċerimonja ppreseduta mill-Ministru għall-Ġustizzja, Djalogu u Familja, Dr Chris Said. L-organizzazzjonijiet iċċertifikati huma: ADI & Associates, Besedo, Burger King, Department for Health, Information and Research (DHIR), Department for Social Welfare Standards (DSWS - MJDF), Directorate for Corporate Services (DCS - MJDF), KFC, MSV, Northway, PAHRO, Pizza Hut, Programme Implementation Directorate (Social Affairs - MJDF), RSM Malta, Studio Seven u Uniblue.

Dawn l-organizzazzjonijiet ġew iċċertifikati bħala organizzazzjonijiet li tassew joffru opportunitajiet indaqs abbażi tas-sess u għalhekk huma awtorizzati li jużaw il-*logo* tal-Marka tal-Ugwaljanza fil-pubblikazzjonijiet u d-dokumentazzjoni tagħhom. Iċ-ċertifikat u l-*logo* huma validi għal sentejn mid-data tal-ħruġ tagħhom. B'hekk in-numru ta' kumpaniji li issa huma ċċertifikati bil-Marka tal-Ugwaljanza tela' għal 51 kumpanija bi 15,253 impjegat li jaħdmu b'kundizzjonijiet li jħaddnu l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Waqt konferenza ta' nofs ta' nhar, l-NCPE nediet ir-riżultati ta' riċerka bit-tema *'Life Prospects of Teenage Parents'* li tifforma parti mill-Proġett *Natwalizzaw il-Potenzjal tal-Mara* ko-finanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew. Dan hu r-riżultat ta' studju *'longitudinal'* li sar fuq sentejn, b'total ta' 100 parteċipant li saru ġenituri meta kienu *teenagers*. L-istudju daħal fil-perċezzjoni, l-attitudnijiet u l-viżjoni tal-ġenituri *teenagers*, filwaqt li identifika profil għal dawk li ħadu sehem fih. Mill-istudju ħarġu wkoll is-sentimenti u l-perċezzjonijiet tal-ġenituri *teenagers*, il-prospetti dwar l-edukazzjoni u l-impjieg tagħhom, il-*lifestyle* u l-passatempi; ir-reazzjoni immedjata tal-familja tagħhom meta saru jafu li se jsiru ġenituri *teenagers* kif ukoll il-viżjoni u l-attitudni dwar is-sess fost il-ġenituri *teenagers* u r-relazzjoni tagħhom mal-ġenitur l-ieħor.

Sadanittant, waqt il-konferenza kienet ippreżentata analiżi dwar il-Marka tal-Ugwaljanza. Dan l-istudju analizza l-impatt tal-Marka tal-Ugwaljanza u fittex modi kif din tista' tiġi żviluppata u msaħħa billi jinstabu inizjattivi simili li saru fil-pajjiżi membri tal-UE. L-għan ta' din l-analiżi kien li tinħoloq għodda li tappoġġja l-opportunitajiet indaqs lil hinn mill-proġett, sabiex ikomplu jissaħħu l-effetti tal-proġett anki wara li jintemm kif ukoll billi jkun utilizzat il-potenzjal sħiħ tal-Marka tal-Ugwaljanza bħala għodda pożittiva għall-bidla.

Waqt il-konferenza kienu diskussi fid-dettall ir-rakkomandazzjonijiet dwar *policies* li kienu inklużi fir-rapport.

Għal aktar informazzjoni dwar il-Marka tal-Ugwaljanza u l-proċess tal-applikazzjoni tagħha, żuru l-website www.equality.gov.mt jew agħmlu kuntatt mal-NCPE b'email equality@gov.mt jew bit-telefon 2590 3850.

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Insaħħu Ħilitna għall-Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Avvis parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali

***Ninvestu fil-futur tiegħek***